MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2161/2004

**Aplan Limited C2450**

**Vs**

**Natasha Galea**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mija u disghin lira Maltin (Lm190) rapprezentanti bilanc import ta' diversi kambjali lkoll maturati, li l-konvenuta xorta naqset li thallas minkejja l-iskadenzi relattivi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 5 ta' Gunju, 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta Natasha Galea, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Sarah Galea tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltin (Lm190) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------